Kunsill Reġjonali Ċentru

---

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 55

IT-TIELET LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 55

Il-Ħamis 21 ta' Ottubru, 2021

Il-Kunsill Reġjonali Ċentru ltaqa' onlajn permezz tal-programm Microsoft Teams, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI ONLAJN:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sur Stefan Cordina – Sindku Ħ'Attard
Is-Sur Clayton Luke Mula – Viċi Sindku San Ġiljan
Is-Sa Graziella Attard Previ – Viċi Sindku tas-Sliema
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex
Is-Sur Trevor Fenech – Viċi Sindku San Ġwann
Is-Sur Dorian Sciberras –Sindku Iklin
Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira (onlajn)

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sur Stephen Sultana – Sindku Santa Venera
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida
Is-Sa Joanne Debono Grech –Sindku Birkirkara

ASSENTI

Dott. Angelo Micallef - Sindku Ħal Balzan
Is-Sur Keith Tanti –Sindku Pieta'

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba w ippresjeda l-laqgħa.

## 55.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

55.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittra ta' apoloġija mingħand is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, is-Sindku ta' Santa Venera, is-Sur Stephen Sultana, u s-Sindku ta' Birkirkara, is-Sa. Joanne Debono Grech, sabiex jinfurmawna li ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa.

55.1.2 Il-membri preżenti aċċettaw din l-apoloġija.

55.1.3 Il-President informa lill-membri preżenti kif għal din il-laqgħa huwa kien estenda l-istedina għall-laqgħa tal-llum lis-Sindki jew rappreżentanti mit-tliet Kunsilli Lokali li għandhom jingħaqdu mal-maġġoranza tal-lokalitajiet meta jidħol Reġjun Lvant fis-seħħ.

55.1.4 Is-Sur Fenech Adami spjega kif illum kienet preżenti magħna l-Viċi Sindku ta' Swieqi, is-Sa MaryAnne Abela, u informa lill-membri li s-Sindku ta' Ħal Għargħur, is-Sa. Helen Gauci, ma setatx tattendi.

## 55.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

55.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 54 li saret nhar il-Ħamis 30 ta' Settembru 2021 kienu meħuda bħala moqrija.

55.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas- Sindku ta' l-Imsida, is-Sa Margaret Baldacchino Cefao, u sekondati mill-Viċi Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Clayton Luke Mula.

## 55.3 Komunikazzjoni mill-President

- ***Laqgħa fuq Escooters***

55.3.1 Il-President informa lill-membri preżenti dwar il-laqgħa li nżammet nhar it-Tlieta 19 ta' Ottubru 2021 mas-Sur Pierguido Saliba. Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti s-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur Anthony Chircop flimkien miegħu bħala l-President u s-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun.

55.3.2 Is-Sur Fenech Adami spjega kif għalhekk is-Sur Saliba għadu meqjus bħala Spettur tal-Puluzija, għandu bżonn l-awtorizazzjoni mingħand is-superjuri tiegħu sabiex ikun jistà jgħati servizz professjonali lil dan ir-Reġjun.

55.3.3 Is-Sur Fenech Adami qal kif waqt din il-laqgħa ta' konsultazzjoni, is-Sur Saliba spjega l-Avviż Legali Kapitlu 65 – Ordinanza dwar ir-Regolazzjoni tat-Traffiku.

55.3.4 Is-Sur Fenech Adami qal lill-membri li kien hemm qbil sabiex jintalab s-servizz professjonali tiegħu sabiex jgħin lil dan ir-Reġjun jipprova jirranġa s-sitwazzjoni li hemm fil-preżent dwar il-*kick scooters.*

55.3.5 Il-President spjega kif is-Sur Saliba għandu jitlob l-approvazzjoni mis-Superjuri tiegħu u jipprovdilna d-dettalji meħtieġa. Sadanittant hu ta l-parir li r-Reġjun jitlob laqgħa maċ-*Chairman* ta' Transport Malta, is-Sur Joseph Buġeja, sabiex jibdew dawn id-diskussjonijiet.

55.3.5 Is-Sur Fenech Adami qal kif is-Sur Bugeja aċċetta mill-ewwel it-talba mressqa u għandha tinżamm laqgħa nhar it-Tnejn l-1 ta' Novembru 2021. Aġġornament dwar dan jingħata fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

## 55.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

55.4.1 Il-President, is-Sur Fenech Adami, staqsa lill-membri preżenti jekk kienx hemm xi domandi li xtaqu jressqu.

54.4.2 Peress li ma kien hemm l-ebda domanda mressqa, il-President stieden lill-Accountant tar-Reġjun, lis-Sa. Romina Perici Ferrante, sabiex tkun tistà tippreżenta r-rapport.

## 55.5 Rapporti – *Quarterly Financial Report* MINN Lulju sa Settembru 2021

55.5.1 Il-President informa lill-membri li r-rapport kien intbagħat permezz ta' emejl mis-Segretarju Eżekuttiv lill-membri kollha aktar kmieni dakinhar.

55.5.2 Wara spjegazzjoni dettaljata mis-Sa. Perici Ferrante, u peress li ħadd mill-membri ma kellu mistoqsija dwar dawn ir-rapport, dan ir-rapport ġie approvat b'mod unanimu mill-membri preżenti.

55.5.3 Tqajmet diskussjoni mill-membri preżenti dwar il-fondi li r-Reġjun qed iżomm fil-kont bankarju sakemm jitlestew il-proġetti mill-Kunsilli Lokali li ingħataw l-appovazzjoni ftit tal-ġranet qabel din il-laqgħa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

## 55.6 Każ DLG50/2021 - Vann mixtri mill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara mill-Fond għall-Innovazzjoni Komunitarja

55.6.1 Il-President informa lill-membri li nżammet laqgħa mid-Direttur Ġenerali, is-Sur Natalino Attard, flimkien mad-Direttur tal-Monitoraġġ u Sapport, is-Sur Christopher Galea, mas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun.

55.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sra. Galea, infurmat lill-membri li waqt din il-laqgħa s-Segretarju ta' Birkirkara informa lil dawk preżenti li l-vann baqa ma wasalx u kif il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara ser ikun qed jipproċedi bil-qorti. Madanakollu hi żiedet tgħid li hi m'ghandha l-ebda korrispondenza dwar x'inhu jiġri fuq dan il-każ, la mill-Kunsill Lokali u lanqas mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali. Il-Korrispondenza qed issir bejn id-Divizjoni u l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara biss.

55.6.3 Is-Sa. Galea żiedet tgħid kif waqt din il-laqgħa, hi infurmat lid-Diretturi li l-Kunsill Lokali mhux qed jinforma lil dan ir-Reġjun bl-ebda aġġornament u r-Reġjun mhux ser jinżamm aktar responsabbli dwar dan il-każ.

## 55.7 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

- *Applikazzjoni LESA*

55.7.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-applikazzjoni għall-fondi tal-LESA f'isem dan ir-Reġjun sabiex jinxtara vann bl-elettriku u jkun jistà jiġi konvertut f'librerija mobbli. L-istima hija ta' madwar €100,000 fejn 80% tal-proġett ser ikun finanzjat u l-€20,000 ikunu jridu jinħarġu mill-fondi tar-Reġjun. Jekk din l-applikazzjoni tkun approvata, dan ikun bidu ta' proġett uniku f'Malta.

55.7.2 Il-membri preżenti approvaw din l-applikazzjoni b'mod unanimu.

- *Allokazzjoni Finanzjarja*

55.7.3 Il-President informa lill-membri preżenti kif nhar l-Erbgħa 29 ta' Settembru 2021, dan ir-Reġjun irċieva r-raba u l-aħħar tranche ta' l-allokazzjoni finanzjarja fejn l-ammont huwa ta' €162,500.

- *Pagament mill-LESA*

55.7.4 Il-President informa lill-membri preżenti kif nhar it-Tnejn 11 ta' Ottubru 2021 dan ir-Reġjun irċieva pagament ieħor ta' €48,845.09 mingħand il-Aġenzija LESA.

- *Iffirmar ta' MoU mal-LESA*

55.7.5 Il-President informa lill-membri li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu mistiedna mill-Aġenzija LESA nhar it-Tnejn 18 t'Ottubru 2021 sabiex jiġi iffirmata l-MoU dwar l-ispejjez relatati mat-Tribunal Lokali.

55.7.6 Is-Sur Fenech Adami spjega kif waqt din il-laqgħa ġejna nfurmati li għandu jinżamm *audit* ieħor minn din l-Aġenzija fuq d-dokumenti li ġew sottometti mir-Reġjuni kollha peress li l-ammonti li ġew provduta minn uħud mir-Reġjuni ma kienux ser jiġu approvati mill-LESA. Għalkemm jidher li din il-problema m'għandiex x'taqsam ma' dan ir-Reġjun, l-*audit* irid ikun sar fir-Reġjuni kollha.

55.7.7 Il-President informa lill-membri preżenti li s-Segretarju Eżekuttiv ġiet infurmata mid-Direttur Ġenerali waqt laqgħa li kellha, li d-Diviżjoni mhux ser iħalli lir-Reġjuni joħorġu skemi finanzjarji mill-allokazzjoni u kif din l-informazzjoni ser tiġi kkomunikata mal-Presidenti tar-Reġjuni l-ġodda flimkien mas-Segretarji Eżekuttivi.

- *Inventarju*

55.7.8 Il-President informa lill-membri kif fl-inventarju għandu jitneħħa RCFF015 li huwa *air condition* li ma setax jissewwa u li kellu jinxtara ieħor.

- *Skema finanzjarja 3/2021*

55.7.9 Dan ir-Reġjun irċieva tweġiba mingħand il-Kunsilli Lokali ta' Ħ'Attard, Ta' Xbiex, Msida, Iklin, San Giljan u Birkirkara.

55.7.10 Il-Kunsilli Lokali ta' Ħal Lija u ta' Santa Venera infurmawna li l-laqgħa tal-Kunsill Lokali ser tkun qed tinżamm wara l-laqgħa tal-llum u dettalji dwar dan ser jintbagħtu aktar 'il quddiem.

55.7.11 Il-President reġa fakkar lill-membri preżenti li d-dokumenti kollha għandhom jaslu għand ir-Reġjun sal-Ġimgħa 10 ta' Diċember 2021 u kif l-ebda dokument mhu ser jiġi approvat wara din id-data.

- *SPI – l-iskema finanzjarja numru 3/2020*

55.7.11 Skond il-komunikazzjoni li dan ir-Reġjun irċieva mingħand id-Dipartiment –infurmawna li l-Kunsilli Lokali ta' Santa Venera (€10,500), Ta' Xbiex (€15,000) u Birkirkara (10,500), ikkwalifikaw minn dawn il-fondi. Filwaqt li l-Kunsilli Lokali ta' San Ġwann, Attard, Msida, Sliema u Ħal lija ma kwalifikawx.

- *Avveniment b'risq il-Pink October*

55.7.12 Il-President fakkar lill-membri preżenti dwar l-avveniment li qed jiġi organizzat mir-Reġjun u li ser jinżamm nhar il-Ħamis 28 ta' Ottubru 2021.

55.7.13 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-attendenza tidher li ser tkun waħda tajba.

- *Teambuilding Event*

55.7.14 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li qed tiġi organizzata *team building event* għall-impjegati kollha fi ħdan ir-Reġjun u l-ammont ser tkun ta' €767.00

55.7.15 Il-membri preżenti qablu dwar dan.

- *Kors mill-Idea Academy*

55.7.16 Il-President għamel referenza għall-preżentazzjoni li kienet saret mingħand l-Idea Academy fil-laqgħa tar-Reġjun preċedenti, u kif is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa. Margaret Baldacchino Cefai, ġibdet l-attenzjoni li kien hemm persuni oħra fi ħdan ir-Reġjun li lestew dan il-kors jew waslu biex jikkonkludi l-kors – kemm fuq livell ta' Diploma u anke fuq il-livell ta' Masters.

55.7.18 Is-Sur Fenech Adami ppropona li dawk il-persuni li leħqu għamlu wieħed minn dawn il-korsijiet, għandhom jiġu nklużi fl-inizjattiva li ħa r-Reġjun u jiġu mħalsa l-persentaġġ li ser jitħalsu wkoll dawk li ser jibdew il-kors issa.

55.7.19 Kien hemm qbil dwar dan b'mod unanimu mill-membri preżenti.

## 55.8 Vakanza Għal Deputat Reġistratur fit-Tribunal Lokali tar-Reġjun – Skala 13 (Full Time)

55.8.1 Il-President informa lill-membri kif l-applikant li kien kwalifikat għal din il-pożizzjoni ma aċċettax din il-kariga u għal din ir-raġuni din is-sejħa ser ikollha terġa tinħareġ.

55.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li għandha tinżamm laqgħa għada b'mod virtwali ma' rappreżentant mill-Minsiteru tal-Ġustizzja sabiex tiġi diskussa anke s-sitwazzjoni bl-ammont kbir ta' seduti fit-Tribunal.

55.8.3 Wara li nżammet diskussjoni bejn il-membri preżenti dwar l-kwalifikazzjonijiet mitluba għal dawn il-pożizzjonijiet, kien hemm qbil sabiex aġġornament dwar dan ser jingħata fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

## 55.9 Vakanza għal Skrivan fuq Skala 15 bażi *Full Time*

55.9.1 Il-President spjega kif dan ir-Reġjun irċieva applikazzjoni ta' interess mingħand is-Sa Jana Schembri li fil-preżenti qedha mpjegata fuq bażi Part Time.

55.9.2 Għal din ir-raġuni, l-membri preżenti approvaw din l-applikazzjoni b'mod unanimu u għandha tibda fuq bażi Full Time minn nhar it-Tnejn l-1 ta' Novembru 2021.

## 55.10 Ingaġġar ta' Uffiċjali mal-Kunsilli Reġjonali

55.10.1 Il-PresidenReġjun ġie nfurmat permezz ta' emejl nhar it-Tlieta 12 ta' Ottubru 2021 li l-kumitat maħtur ressaq żewġ applikanti li huma eleġibli għall-pożizzjoni ta' Uffiċjal Reġjonali responsabbli fl-IT. Għal din ir-raġuni, is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun, is-Sa Galea, bagħtet emejl lil dawn iż-żewġ applikanti sabiex tikkonferma jekk humiex interessati jattendi għal intervista.

55.10.2 Is-Sur Fenech Adami spjega kif wIeħed mill-applikanti nfurmana li kien diġa ġie magħżul mir-Reġjun Nofsinhar, filwaqt li l-applikant ieħor ikkonferma l-interess tiegħu u għal din ir-raġuni għandu jinħatar bord sabiex issir l-intervista ma' dan l-applikant.

55.10.3 Il-President qal ukoll kif dan ir-Reġjun ġie nfurmat permezz ta' emejl oħra nhar il-Ħamis 14 ta' Ottubru 2021 li l-kumitat maħtur ressaq sitt applikanti li huma eleġibli għall-pożizzjoni ta' Maniġer Amministrattiv fuq Fondi Ewropej/Lokali. Għal din ir-raġuni, is-Sa Galea, bagħtet emejl lil dawn l-applikanti kollha għalkemm ħamsa minnhom esprimew li l-interess tagħhom huwa fir-Reġjun t'Għawdex. Żewġ applikanti

kkonfermaw li huma interessati biss li jaħdmu fir-Reġjun t'Għawdex, filwaqt li tliet applikanti oħra espremew l-interess li jattendu għal din l-intervista.

55.10.4 Il-President qal ukoll kif aktar kmieni illum dan ir-Reġjun irċieva emejl oħra mid-Dipartiment dwar l-applikanti li ġew ikkunsidrati għal pożizzjoni ta' Uffiċjal Maniġerjali Responsabbli mill-Waste Management. B'kollox hemm tliet applikazzjonijiet.

55.10.5 Il-President staqsa min xtaq joqgħod fuq il-bord sabiex dawn l-intervista jinżammu kollha f'salt peress li ma kienx ser ikun hemm numru kbir minn kull pożizzjoni.

55.10.6 Il-membri qablu b'mod unanimu sabiex il-bord ikun kompost mill-President flimkien mas-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur Anthony Chircop, is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, fil-preżenza tas-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun, is-Sa Galea, nhar il-Ġimgħa 5 ta' Novembru 2021.

## 55.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

55.11.1 Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa Margaret Baldacchino Cefai, sekondata mis-Sindku ta' l-Iklin, Dott. Dorian Sciberras, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 50A u 50B.

55.11.2 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 55.12 Mozzjonijiet

55.12.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 55.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

55.13.1 Il-laqgħa intemmet fit-18:45 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 18 ta' Novembru, 2021 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum il-Ħamis 18 ta' Novembru, 2021.

IFFIRMATA

Michael Fenech Adami
President

IFFIRMATA

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv